



2023/0079(COD)

17.7.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (COM2023/0160 – C9-0061/2023 – 2023/0079(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jessica Polfjärd

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Minħabba l-kumplessità u l-karattru tranżnazzjonali tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika, **jekk** il-miżuri nazzjonali maħsuba biex jiżguraw provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika **ma jkunux ikkoordinati, hemm potenzjal qawwi li dawn ifixklu l-kompetizzjoni u jifframentaw is-suq intern**. Għalhekk, biex **jitħares il-funzjonament** tas-suq intern, jenħtieġ li jinħoloq qafas komuni tal-Unjoni li jindirizza b'mod kollettiv din l-isfida prinċipali.

Emenda

(2) Minħabba l-kumplessità u l-karattru tranżnazzjonali tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika, il-miżuri nazzjonali **kkoordinati** maħsuba biex jiżguraw provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika **huma kruċjali**. Għalhekk, biex **jitħarsu l-funzjonament u l-integrità** tas-suq intern, jenħtieġ li jinħoloq qafas komuni tal-Unjoni li jindirizza b'mod kollettiv din l-isfida prinċipali **b'mod ġust u ekwu, f'konformità sħiħa mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u l-ghajjnuna mill-Istat**.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) L-investment privat mill-kumpaniji, l-investituri finanzjarji u l-akkwirenti hu essenzjali. Meta l-investment privat waħdu ma jkunx biżżejjed, l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika jaf tkun teħtieġ l-appoġġ pubbliku, pereżempju fil-forma ta' garanziji, self jew investimenti tal-ekwiżità u tal-kważi ekwiżità. Dan l-appoġġ pubbliku jista' jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat. Tali għajjnuna jrid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata. Il-

Emenda

(29) L-investment privat mill-kumpaniji, l-investituri finanzjarji u l-akkwirenti hu essenzjali. Meta l-investment privat waħdu ma jkunx biżżejjed, l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika jaf tkun teħtieġ l-appoġġ pubbliku, pereżempju fil-forma ta' garanziji, self jew investimenti tal-ekwiżità u tal-kważi ekwiżità. Dan l-appoġġ pubbliku jista', **meta debitament ġustifikat u mingħajr ma jimmina l-kompetizzjoni fis-suq intern**, jikkostitwixxi għajjnuna mill-

linji gwida eżistenti dwar l-ghajjnuna mill-Istat, li dan l-aħħar saritilhom reviżjoni dettaljata skont l-objettivi tat-tranżizzjoni doppja, jipprovdu biżżejjed possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investimenti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika **soġġett** għal ċerti kundizzjonijiet.

Istat. Tali ghajjnuna jrid ikollha effett ta' inċentiv u tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata **u jenħtieġ li ma twassalx għal konċentrazzjoni eċċessiva fuq għadd żgħir ta' fornituri**. Il-linji gwida eżistenti dwar l-ghajjnuna mill-Istat, li dan l-aħħar saritilhom reviżjoni dettaljata skont l-objettivi tat-tranżizzjoni doppja, jipprovdu biżżejjed possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investimenti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika **u objettivi oħra skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew soġġetti** għal ċerti kundizzjonijiet.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29a) Il-Qafas Temporanju ta' Ghajjnuna mill-Istat għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni huwa parti mit-tieni pilastru tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku. Jenħtieġ li jiġi nnotat li dan huwa qafas temporanju u mmirat u li hemm kompromessi bejn it-tħaffif tal-finanzjament biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' materja prima kritika fl-Ewropa u l-integrità tas-suq intern, peress li mhux l-Istati Membri kollha għandhom l-istess spazju fiskali biex iwettqu l-investimenti meħtieġa. Għalhekk huma meħtieġa strumenti xierqa biex tingħata tweġiba strutturali għall-ħtiġijiet ta' investiment. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippermetti ghajjnuna mill-Istat mill-Istati Membri biss jekk issegwi objettiv ta' interess komuni, u l-Istati Membri huma mħeġġa jintroduċu aktar kundizzjonijiet vinkolanti biex jirċievu ghajjnuna mill-Istat.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 29b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29b) Minn prospettiva fit-tul, proġetti tal-materja prima mhux se jkunu jistgħu jistrieħu fuq il-finanzjament pubbliku, speċjalment billi l-finanzjament ta' ghajjnuna mill-Istat jaf ma jkunx daqshekk ġeneruż fil-futur. Meta l-Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika u s-sottogrupperi tiegħu jagħtu pariri dwar proġetti, jenħtieġ li tingħata prijorità lil sorsi privati ta' finanzjament. Aktar ma kumpaniji u proġetti jirnexxielhom jattiraw kapital privat, aktar ikunu kompetittivi.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) L-appoġġ pubbliku jintuża biex ċerti fallimenti tas-suq jew investimenti subottimali speċifiċi identifikati jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, u l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jidduplikawx jew jeskludu l-finanzjament privat jew jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ **ukoll li** jkollhom valur miżjud ċar għall-Unjoni.

(30) L-appoġġ pubbliku jintuża biex ċerti fallimenti tas-suq jew investimenti subottimali speċifiċi identifikati jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, u l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jidduplikawx jew jeskludu l-finanzjament privat, **jimpedixxu l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji minn Stati Membri differenti**, jew jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ **li jkunu mmirati u effiċjenti u jkollhom valur miżjud ċar għall-Unjoni u jevitaw li jeskludu l-investimenti privati u fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ li jippromwovu l-benessri tal-konsumatur.**

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 39

(39) Ħafna swieq tal-materja prima strateġika mhumiex trasparenti għalkollox u huma kkonċentrati fuq in-naħa tal-provvista, u dan iżid is-saħħa tan-negozjar lill-bejjiegħa u jżid il-prezzijiet lix-xerrejja. ***Biex tgħin ħalli jorħsu l-prezzijiet*** għall-impriżi stabbiliti fl-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi sistema li tkun kapaċi taggrega d-domanda tax-xerrejja interessati. Meta tiżviluppa dik is-sistema, ***l-Kummissjoni*** jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba fi sforzi simili, b'mod partikolari fir-rigward tax-xiri konġunt tal-gass kif stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill 2022/2576. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw ukoll f'din is-sistema biex jiġbru l-istokkijiet strateġiċi tagħhom. Il-miżuri kollha f'dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkunu kompatibbli mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

(39) Ħafna swieq tal-materja prima strateġika mhumiex trasparenti għalkollox u huma kkonċentrati fuq in-naħa tal-provvista, u dan iżid is-saħħa tan-negozjar lill-bejjiegħa u jżid il-prezzijiet lix-xerrejja. ***Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-materja prima*** għall-impriżi stabbiliti fl-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi sistema li tkun kapaċi taggrega d-domanda tax-xerrejja interessati. Meta tiżviluppa dik is-sistema, ***il-Kummissjoni*** jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba fi sforzi simili, b'mod partikolari fir-rigward tax-xiri konġunt tal-gass kif stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill 2022/2576. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw ukoll f'din is-sistema biex jiġbru l-istokkijiet strateġiċi tagħhom. Il-miżuri kollha f'dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkunu kompatibbli mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

44 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2576 tad-19 ta' Diċembru 2022 li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet u skambji transfruntieri tal-gass (ĠU 335, 29.12.2022, p. 1-35)

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 39a

(39a) Settur tal-materja prima reżiljenti u kompetittiv huwa ta' importanza ekonomika u strateġika kbira għall-Unjoni. Minħabba l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni fl-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-

riċiklaġġ ta' materja prima strateġika, huwa importanti li jiġi żgurat ambjent tas-suq ġust u prevedibbli għall-impriżi tul il-katina tal-valur kollha tal-materja prima. Kwalunkwe sistema maħsuba biex taggrega d-domanda bil-għan li ssaħħaħ il-pożizzjoni tas-suq tal-impriżi tal-Unjoni min-naħa tad-domanda trid għalhekk tikkunsidra bir-reqqa wkoll l-effetti tas-suq fuq l-impriżi tal-Unjoni fuq in-naħa tal-provvista.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Biex jiġi indirizzat in-nuqqas attwali tal-informazzjoni dwar il-potenzjal tal-materja prima kritika tal-faċilitajiet magħluqa tal-iskart tal-estrazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu bażi tad-data bl-informazzjoni kollha rilevanti għall-promozzjoni tal-irkupru, b'mod partikolari l-kwantitajiet u l-konċentrazzjonijiet tal-materja prima kritika fil-faċilità tal-iskart tal-estrazzjoni skont r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. L-informazzjoni jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku u b'format faċli għall-utent u diġitali, ħalli jingħata aċċess għal informazzjoni teknika aktar dettaljata. Biex jiżdied l-aċċess għall-informazzjoni li jkun faċli għall-utent, l-Istati Membri jenħtieġ li pereżempju jipprovdu punt ta' kuntatt biex isir skambji aktar dettaljat mal-iżviluppaturi potenzjali ta' proġetti tal-irkupru tal-materja prima kritika. Il-bażi tad-data jenħtieġ li tkun imfassla b'tali mod li tippermetti lill-promoturi potenzjali tal-proġetti jidentifikaw faċilment il-faċilitajiet b'potenzjal qawwi ta' rkupru ekonomikament vijabbli. Biex jiffukaw ir-riżorsi limitati, l-Istati Membri **jenħtieġ li** jħaddmu approċġ gradwali fil-ġbir tal-informazzjoni, u l-passi tal-ġbir tal-informazzjoni li huma aktar impenjattivi

Emenda

(46) Biex jiġi indirizzat in-nuqqas attwali tal-informazzjoni dwar il-potenzjal tal-materja prima kritika tal-faċilitajiet magħluqa tal-iskart tal-estrazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu bażi tad-data bl-informazzjoni kollha rilevanti għall-promozzjoni tal-irkupru, b'mod partikolari l-kwantitajiet u l-konċentrazzjonijiet tal-materja prima kritika fil-faċilità tal-iskart tal-estrazzjoni skont r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. L-informazzjoni jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku u b'format faċli għall-utent u diġitali, ħalli jingħata aċċess għal informazzjoni teknika aktar dettaljata. Biex jiżdied l-aċċess għall-informazzjoni li jkun faċli għall-utent, l-Istati Membri jenħtieġ li pereżempju jipprovdu punt ta' kuntatt biex isir skambji aktar dettaljat mal-iżviluppaturi potenzjali ta' proġetti tal-irkupru tal-materja prima kritika. Il-bażi tad-data jenħtieġ li tkun imfassla b'tali mod li tippermetti lill-promoturi potenzjali tal-proġetti jidentifikaw faċilment il-faċilitajiet b'potenzjal qawwi ta' rkupru ekonomikament vijabbli. Biex jiffukaw ir-riżorsi limitati, l-Istati Membri **jistgħu** jħaddmu approċġ gradwali fil-ġbir tal-informazzjoni, u l-passi tal-ġbir tal-informazzjoni li huma aktar impenjattivi

jwettquhom biss għall-aktar faċilitajiet promettenti. L-attivitajiet tal-ġbir tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu mmirati biex jipprovdu informazzjoni eżatta u rappreżentattiva dwar il-faċilitajiet tal-iskart tal-estrazzjoni u biex jiksbu l-aħjar indikazzjoni possibbli tal-potenzjal tal-irkupru tal-materja prima kritika.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni

(54) L-Unjoni kkonkludiet Sħubijiet Strateġiċi li jkopru l-materja prima ma' pajjiżi terzi biex timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 dwar il-Materja Prima Kritika. Biex tiġi ddiversifikata l-provvista, dawn l-isforzi jenħtieġ li **jissoktaw**. Biex jiġi żviluppat u żgurat qafas koerenti għall-konklużjoni tas-sħubijiet futuri, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bħala parti mill-interazzjoni tagħhom fuq il-Bord, jenħtieġ li jiddiskutu u jiżguraw koordinazzjoni, fost l-oħrajn, dwar jekk is-sħubijiet eżistenti jilhqax l-għanijiet maħsuba, il-prijoritizzazzjoni tal-pajjiżi terzi għal sħubijiet ġodda, il-kontenut ta' tali sħubijiet, u l-koerenza u s-sinerġiji potenzjali tagħhom bejn il-kooperazzjoni bilaterali tal-Istati Membri mal-pajjiżi terzi rilevanti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfittex sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku mas-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, b'koerenza mal-istrateġija tagħha dwar il-Portal Globali, li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista tal-materja prima tagħha u jżidu l-valur tal-produzzjoni f' dawn il-pajjiżi.

jwettquhom biss għall-aktar faċilitajiet promettenti. L-attivitajiet tal-ġbir tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu mmirati biex jipprovdu informazzjoni eżatta u rappreżentattiva dwar il-faċilitajiet tal-iskart tal-estrazzjoni u biex jiksbu l-aħjar indikazzjoni possibbli tal-potenzjal tal-irkupru tal-materja prima kritika.

Emenda

(54) L-Unjoni kkonkludiet Sħubijiet Strateġiċi li jkopru l-materja prima ma' pajjiżi terzi biex timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 dwar il-Materja Prima Kritika. Biex tiġi ddiversifikata l-provvista, dawn l-isforzi jenħtieġ li **jintensifikaw u jwasslu għall-istabbiliment ta' proġetti strateġiċi konkreti**. Biex jiġi żviluppat u żgurat qafas koerenti għall-konklużjoni tas-sħubijiet futuri **f'konformità mal-politiki industrijali, tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni**, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bħala parti mill-interazzjoni tagħhom fuq il-Bord, jenħtieġ li jiddiskutu u jiżguraw koordinazzjoni, fost l-oħrajn, dwar jekk is-sħubijiet eżistenti jilhqax l-għanijiet maħsuba, il-prijoritizzazzjoni tal-pajjiżi terzi għal sħubijiet ġodda, il-kontenut ta' tali sħubijiet, u l-koerenza u s-sinerġiji potenzjali tagħhom bejn il-kooperazzjoni bilaterali tal-Istati Membri mal-pajjiżi terzi rilevanti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfittex sħubijiet **sostenibbli u** ta' benefiċċju reċiproku mas-swieq emerġenti u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, b'koerenza mal-istrateġija tagħha dwar il-Portal Globali, li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista tal-materja prima tagħha u jżidu l-valur tal-produzzjoni f' dawn il-pajjiżi. **Għalhekk il-Bord jista' jikkunsidra wkoll kif is-**

Sħubijiet Strateġiċi jistgħu jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-kapital naturali ta' pajjiżi terzi u għar-reżiljenza għall-istress klimatiku.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Premessa 63**

Test propost mill-Kummissjoni

(63) Sal-punt li xi waħda mill-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet dwar dawk il-miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat.

Emenda

(63) Sal-punt li xi waħda mill-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet dwar dawk il-miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat ***u jenħtieġ li jevitaw ostakli addizzjonali għall-kompetizzjoni fis-suq intern.***

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu attivitajiet biex iħaffu u jwaħħdu l-investimenti privati fi Proġetti Strateġiċi. Tali attivitajiet jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 107 u l-Artikolu 108 tat-TFUE, jinkludu l-ġhoti u l-koordinazzjoni ta' appoġġ lill-Proġetti Strateġiċi li jsibu diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament.

Emenda

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu attivitajiet biex ***jiffaċilitaw***, iħaffu u jwaħħdu l-investimenti privati fi Proġetti Strateġiċi. Tali attivitajiet jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 107 u l-Artikolu 108 tat-TFUE, jinkludu l-ġhoti u l-koordinazzjoni ta' appoġġ lill-Proġetti Strateġiċi li jsibu diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzjament. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżommu lura minn attivitajiet li jeskludu l-investimenti privati.***

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri **jistgħu** jipprovdu appoġġ amministrattiv lill-Proġetti Strateġiċi biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni malajr u effettiva tagħhom, inkluż billi jipprovdu:

Emenda

2. L-Istati Membri **għandhom, meta jintalbu jagħmlu dan**, jipprovdu appoġġ amministrattiv lill-Proġetti Strateġiċi biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni malajr u effettiva tagħhom, inkluż billi jipprovdu:

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) assistenza lill-promoturi tal-proġetti biex ikomplu jżidu l-aċċettazzjoni **pubblika** tal-proġett.

Emenda

(b) assistenza lill-promoturi tal-proġetti biex ikomplu jżidu **l-konsultazzjoni u** l-aċċettazzjoni **pubbliċi f'waqthom** tal-proġett.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) **komunikazzjoni prevedibbli, regolari, f'waqtha u ċara lill-promoturi tal-proġetti, speċjalment f'każijiet meta l-fluss ta' informazzjoni jkun f'riskju li jdewwem il-proġett.**

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Il-Kummissjoni tista' tindirizza opinjoni lill-Istati Membri dwar l-allinjament bejn l-implimentazzjoni nazzjonali u l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1(2).

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Is-sottogrupp permanenti msemmi fl-Artikolu 35(6)(a) għandu, meta jintalab minn promotur tal-proġett ta' Proġett Strateġiku, jiddiskuti u jagħti pariri dwar kif il-finanzjament tal-proġett tiegħu jista' jitlesta, filwaqt li jitqies il-finanzjament diġà miksub u billi tal-anqas jitqiesu l-elementi li ġejjin:

1. Is-sottogrupp permanenti msemmi fl-Artikolu 35(6)(a) għandu, meta jintalab minn promotur tal-proġett ta' Proġett Strateġiku, jiddiskuti u jagħti pariri dwar kif il-finanzjament tal-proġett tiegħu jista' jitlesta ***u joħroġ rakkomandazzjonijiet dwar riżorsi u strumenti tal-finanzjament futuri***, filwaqt li jitqies il-finanzjament diġà miksub u billi tal-anqas jitqiesu l-elementi li ġejjin:

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) informazzjoni ġusta u opportunità għall-atturi fl-Istati Membri kollha.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16

Iffaċilitar tal-ftehimiet tax-xiri

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema biex tiffaċilita l-konklużjoni ta' ftehimiet tax-xiri ***relatati mal-Proġetti*** Strateġiċi, f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni.

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema biex tiffaċilita l-konklużjoni ta' ftehimiet tax-xiri ***għall-benefiċċju tal-Proġetti*** Strateġiċi ***rikonoxxuti skont l-Artikolu 6, anki jekk ma jkunx għadu ngħata permess mill-awtorità nazzjonali kompetenti***, f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni.

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-vijabbiltà finanzjarja ta' tali proġetti u, jekk jitqies meħtieġ, tipproponi rimedju.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1e) l-integrità tas-suq uniku

Emenda 21

**Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-impriżi tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jipparteċipaw fis-sistema msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinneozjaw b'mod trasparenti u b'mod konġunt ix-xiri, inkluż il-prezzijiet jew termini u kundizzjonijiet oħra tal-ftehim tax-xiri jew jużaw xiri konġunt biex jiksbu

L-impriżi tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jipparteċipaw fis-sistema msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinneozjaw b'mod trasparenti u b'mod konġunt ix-xiri, inkluż il-prezzijiet jew termini u kundizzjonijiet oħra tal-ftehim tax-xiri jew jużaw xiri konġunt biex jiksbu

kundizzjonijiet aħjar mal-fornituri tagħhom jew biex jipprevjenu l-iskarsezzi. L-impriżi parteċipanti tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni, **inkluż mal-liġi** tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

kundizzjonijiet aħjar mal-fornituri tagħhom jew biex jipprevjenu l-iskarsezzi. L-impriżi parteċipanti tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni, **b'mod partikolari l-liġi** tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-programmi msemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jinkludu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, l-introduzzjoni ta' **inċentivi finanzjarji**, bħal skontijiet, għotjiet monetarji jew sistemi tar-rifużjoni tad-depożiti, biex iħeġġu l-użu mill-ġdid tal-prodotti b'potenzjal għoli ta' rkupru tal-materja prima kritika u l-għbir tal-iskart minn tali prodotti.

Emenda

Fir-rigward tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-programmi msemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jinkludu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE **u meta debitament ġustifikat**, l-introduzzjoni ta' **strumenti ekonomiċi**, bħal **dawk elenkati fl-Anness IVa tad-Direttiva 2008/98/KE, inkluż** skontijiet, għotjiet monetarji jew sistemi tar-rifużjoni tad-depożiti, biex iħeġġu l-użu mill-ġdid tal-prodotti b'potenzjal għoli ta' rkupru tal-materja prima kritika u l-għbir tal-iskart minn tali prodotti. **Strumenti ekonomiċi bħal dawn għandhom jiġu introdotti biss meta l-kontribuzzjonijiet tal-kumpaniji privati jitqiesu insuffiċjenti.**

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu għandu tal-anqas jivvaluta **l-adegwatezza tal-istabbiliment ta' limiti massimi għall-impronta ambjentali tal-materja prima kritika li għaliha jkun għew adottati regoli tal-kalkolu u tal-verifika.**

Emenda

Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu għandu tal-anqas jivvaluta:

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) aktar miżuri biex jinkoraġġixxu l-investimenti fi Proġetti Strateġiċi u jsaħħu l-kapaċità Ewropea tal-materja prima kritika tul il-katina tal-valur kollha, inkluża l-adeqwatezza tal-estensjoni tal-benefiċċji assoċjati mal-Proġetti Strateġiċi għal oqsma oħra wkoll;

Emenda 25

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-kontribut tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-oġġettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk tar-Regolament (UE) 2021/1119;

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-impatt tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament fuq il-komunitajiet lokali;

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

l-adegwatezza tal-istabbiliment ta' limiti massimi għall-impronta ambjentali tal-materja prima kritika li għaliha jkunu ġew adottati regoli tal-kalkolu u tal-verifika.

Emenda

(d) the appropriateness of establishing maximum environmental footprint thresholds for critical raw materials for which calculation and verification rules have been adopted.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020
Referenzi	COM(2023)0160 – C9-0061/2023 – 2023/0079(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 8.5.2023
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 8.5.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Jessica Polfjård 20.4.2023
Data tal-adozzjoni	28.6.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 50 - : 3 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Valentino Grant, Claude Gruffat, José Gusmão, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtos, Aurore Lalucq, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Csaba Molnár, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Eva Maria Poptcheva, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Carême, Niels Fuglsang, Henrike Hahn, Valérie Hayer, Martin Hlaváček, Eugen Jurzyca, Janusz Lewandowski, Chris MacManus, Tonino Picula, Jessica Polfjård, René Repasi, Eleni Stavrou
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vladimír Bilčík, Marco Campomenosi, Hannes Heide, Leszek Miller, Patrizia Toia, Juan Ignacio Zoido Álvarez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

50	+
ECR	Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Denis Nesci, Dorien Rookmaker, Johan Van Overtveldt
ID	Marco Campomenosi, Valentino Grant, France Jamet, Antonio Maria Rinaldi
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Vladimír Bilčík, Markus Ferber, Danuta Maria Hübner, Janusz Lewandowski, Aušra Maldeikienė, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Jessica Polfjård, Ralf Seekatz, Eleni Stavrou, Inese Vaidere, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Engin Eroglu, Valérie Hayer, Martin Hlaváček, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtos, Eva Maria Poptcheva, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Hannes Heide, Aurore Lalucq, Leszek Miller, Csaba Molnár, Tonino Picula, René Repasi, Alfred Sant, Joachim Schuster, Patrizia Toia
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Damien Carême, Claude Gruffat, Henrike Hahn, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Kira Marie Peter-Hansen

3	-
NI	Lefteris Nikolaou-Alavanos
The Left	José Gusmão, Chris MacManus

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni